**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 346/2023**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Anthony Galea**

**Illum, 13 ta' Frar ,2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, **Anthony Galea** detenur tal-karta tal-identita Maltija **488369M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar is-7 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' 15:30hrs u fil-hinijiet ta' qabel, fl-inhawi tar-Rabat u f'dawn il-gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz, xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18(1) (c) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu b'ximezz li jkun xi ghasfur u ghaldaqstant naqas milli jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' Regolament 12(1) ta' l-A.L 79 ta' l-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42.

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dan ir-regolamenti jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skond il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostazi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(i) tal-AL tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm, biegh, offra li jbiegh, uza jew zamm apparti li l-uzu tieghu huwa ipprojbit fis-subregolament 1(f) tar-regolament 1(f) tar-regolament 7 u cioe trabokk u dan bi ksur tar-Reg 7(2), L.S .504.71.

6. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi biegh, offra ghall-bejgh, esebixxa ghal bejgh, uza jew zamm trabokki, kemm bix-xibka kemm minghajrha li l-uzu taghhom huwa pprojbit taht is-subregolament (1)(f) tar-Reg 7 u dan bi ksur tar-Reg 7(2) ta' l-A.L ta' l-2006 hekk kif emendat L.S. 504.71.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba li barra li tati l-piena taht ir-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 hekk kif emendat, tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-19 ta' Settembru, 2023, fejn sabet lill-imputat Anthony Galea, **hati tal-**

**imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement ikkundannatu ghall-multa ta' elf u tminn mitt Ewro (Eur. 1,800).**
Ordnat ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafr Selvaggi ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Anthony Galea, ppreżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fis-6 ta' Ottubru 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentament tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u minn kull htija u piena skond il-ligi. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija f'xi wahda jew iktar mill-imputazzjonijiet, tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz.

<u>**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**</u>

Illi preliminarjament, jigi ppuntwalizzat li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma sabitx li kien hemm insib jew tentattiv ta' insib bil-mansab, izda xorta wahda kkonkludiet li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra Galea, u dan, skond l-Ewwel Onorabbli Qorti, minhabba li fl-istess ghalqa instabu numru ta' trabokki b'ikel tal-ghasafar, li kienu jinghalqu b'mod awtomatiku hekk kif xi ghasfur jidhol fihom, b'wiehed mit-trabokki sahansitra jkollu summiena.

Illi kwindi, a skans ta' kull ekwivoku, jigi iccarat li filwaqt li l-esponenti instab hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u dan l-appell qed jigi intavolat sabiex jsir appell mis-sejbien ta' htija tal-imputazzjonijiet kollha, mill-banda l-ohra, l-esponenti ma huwa qed jintavola l-ebda aggravju mill-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti

fl-osservazzjonijiet taghha iddecidiet li insib jew tentattiv t'insib bil-mansab definittivament ma jirrizultax ippruvat.

Ili maghmulha din il-kjarifika l-esponenti umilment jissottometti illi huwa ma setax jinstab hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u dan minhabba kunflitt ta' provi fil-provi tal-prosekuzzjoni stess li jitfghu dubju serju u liema dubju ghandu necesserjament imur favur l-imputat.

Ill in oltre, propju minhabba tali kunflitt fil-provi u fid-dawl ta' certu osservazzjonijiet ohra li ser isiru izjed il-quddiem, jigi sottomess ukoll bir-rispett illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi, liema apprezzament zbaljat wassal ghal sejbien ta' htija ingusta.

Fit-tielet u l-ahhar lok, l-esponenti umilment jissottometti illi strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-piena kellha tkun wahda iktar miti u tqarreb iktar lejn il-minimu.

**L-EWWEL U T-TIENI AGGRAVJU**

Illi kif diga' intqal iktar il-fuq l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet htija fl-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-esponenti minhabba li "*fl-ghalqa instabu numru ta' trabokki b'ikel tal-ghasafar b'wiehed mit-trabokki sahansitra jkollu summiena*" liema trabokki kienu jinghalqu b'mod awtomatiku. Il-Qorti in oltre, ma abbracjajtx ix-xhieda tal-imputat u kkonkludiet li tali xhieda ma ghadhiex mis-sewwa "*anke tenut kont it-tip t'ikel li instab fihom (li kien dak tal-ghasafar) u l-apparat uzat*".

Illi madanakollu jigi sottomess bir-rispett illi meta wiehed jifli l-provi li effettivament tressqu. Hemm kunflitt serju dwar il-premess liema kunflitt kellu necessarjament iwassal ghall-liberazzjoni.

**Fejn kienet l-allegata summiena?**

Illi fl-ewwel lok dwar l-allegazzjoni li wiehed mit-trabokki kellu summiena, l-esponenti umilment jisottometti illi tali osservazzjoni maghmulha mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija wahda zbaljata u ma hija sorretta mill-ebda prova. Dan qed jinghad ghaliex anke jekk wiehed janalizza r-ritratti li gew esebiti mis-surgent PS 1030 Theuma, dawn bl-ebda mod ma juru xi summiena kwalsiasi fil-gagga.

L-istess ritratt anzi juru <u>gagga vojta</u> u <u>fuqha</u> gabjetta li l-prosekuzzjoni allegat li kien fiha summiena.

Kwindi b'kull dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, l-osservazzjoni li fl-allegati trabokki kien hemm summiena ma tirrizulta minn imkien mill-provi, u strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu, fl-ahjar ipotezi ghall-prosekuzzjoni, il-massimu li jirrizulta mir-ritratti esebiti huwa li kien hemm gabjetta fuq din il-gagga, f'liema gabjetta skond il-prosekuzzjoni kien hemm summiena.

In oltre, u iktar importanti minn hekk huwa l-fatt li filwaqt li huwa minnu li meta xehed PS 1030 huwa ddikjara li sab il-gabjetta fuq il-gragga, madanakollu, din l-allegazzjoni hija meruta mill-NPS report li inkiteb a *tempo vergine* u anke mill-affidavit ta' PC 219 Mizzi.

Dan ghaliex dawn iz-zewgt provi, jghidu li l-gabjetta kienet se mai qrib il-gagga/trabokk u mhux fuqu. Infatti it-tnejn li huma jghidu testwalment:

> *"kien hemm zewgt trabokki ohra ikkargati bl-ikel tal-ghasafar go fihom fejn <u>kien hemm summiena hajja ukoll vicin</u> biex tattira s-summien gewwa t-trabokk"*
> *"hemm sibna zewgt trabokki ohra bl-ikel tal-ghasafar fihom u summien haj fejn it-trabokk"*

Illi kwindi fid-dawl ta' dan id-dettal, it-testimonjanza tal-appellanti li insista li kien propju s-surgent Theuma li pogga l-gabjetta bl-allegata summiena fuq il-gagga/trabokk, altru milli ma ghandhiex mis-sewwa kif kkonkludiet l-Ewwel Qorti anzi l-appellanti umilment jissottometti illi l-fatt li zewgt provi tal-prosekuzzjoni allegaw li s-summiena kienet "vicin" jew "fejn" it-trabokk u mhux "fuq" it-trabokk kif jidher fir-ritratt, juri bl-aktar mod car mhux biss li l-allegazzjoni tal-appellanti li kien propju s-surgent Theuma li pogga l-gabjetta fuq it-trabokk hija wahda verosimili izda hija wkoll veritjiera u korroborata mill-provi tal-prosekuzzjoni stess!

**<u>X'kien hemm go dawn l-allegati trabokki?</u>**

Il-Prosekuzzjoni allegat li tali allegati trabokki kellhom go fihom ikel tal-ghasafar, u dan jihder li kien fattur iehor li l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkunsidrat bhala li jipponta lejn htija fl- akkuzi. Jinghad madanakollu bid-dovut rispett pero' li mir-ritratti li esebixxa PS1030 ma jidher l-ebda ikel ta' ghasafar kif allegat.

L-appellanti umilment jissottometti illi billi jigi prezentat ritratt tal-gagga bil-prosekuzzjoni tallega li go fiha kien hemm l-ikel tal-ghasafar, la t-testimonjanza tal-pulizija u lanqas tali tallega li go fiha kien hemm l-ikel tal-ghasafar, jekk mir-ritratt ma jidher l-ebda ikel tal-ghasafar kif allegat. Dan in-nuqqas ikompli jamplifika ruhu meta wiehed iqis li l-gagga ma gietx esebita materjalment fil-proceduri u kwindi ma tistax tigi verifikata tali allegazzjoni.

Kwindi l-esponenti umilment jissottometti illi ma giex pruvat sodisfacentament li fil-gagga kien hemm ikel tal-ghasafar.

Mill-banda l-ohra l-esponenti jirrileva bir-rispett li huwa xehed kif tali gagga kellha go fiha tea bags biex jinqatlu l-grieden-haga li ma gietx meruta mill-prosekuzzjoni.

Anzi jigi imfakkar bir-rispett li PS217 ikkonferma in kontro-ezami li l-appellanti a tempo vergine qalilhom li tali gageg kienu biex jaqbad il-grieden.

**<u>Osservazzjoni ohra dwar l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni</u>**

L-Ewwel Onorabbli Qorti kkunsidrat ukoll illi "*mix-xhieda prodotta jirrizulta li dawn it-trabokki kienu jinghalqu b'mod awtomatioku* " u jidher li din kienet raguni l-ghaliex nonostante li f'xi hin waslu l-pulizija fuq is-sit l-esponenti ma kienx fl-ghalqa hdejn ix-xbiek jew it-trabokki xorta, wahda instabet htija.
Jigi sottolineat bir-rispett illi hadd miz-zewgt pulizija li ghamlu l-ispezzjoni ma qal li huwa pprova jhaddem tali gagga biex jara jekk effettivament kienitx tahdem b'mod awtomatiku jew le, jew inkella jekk kienet tahdem b'mod awtomatiku, x'piz irid ikun hemm biex jiskatta l-mekkanizmu.

In oltre, filwaqt li tali gagga ma gietx esebita materjalment fl-atti, mir-ritratti esebiti ma jidher l-ebda mekkanizmu jiffunzjona,. Iktar importanti minn hekk, ma tqabbad l-ebda espert nominat mill-Qorti sabiex jikkonferma dak allegat mill-pulizija.

Kwindi b'kull dovut rispett l-allegazzjoni li tali gagga kienet tahdem b'mod awtomatiku lanqas ma giet sufficjentament pruvata skond il-ligi- anzi hija bbazata biss fuq supposizzjonijiet u assunzjonijiet, liema supposizzjonijiet u assunzjonijiet ma jistghu qatt jaghmlu prova-multa magis prova sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni kif huwa rikjest mill-prosekuzzjoni.

Osservazjoni ohra li tkompli xxejjen il-kaz tal-prosekuzzjoni hija l-fatt li filwaqt li z-zewgt pulizija allegaw li l-esponenti ddikjara li huwa kien qieghed jonsob ghall-vrieden b'dawk it-trabokki, PC217 in kontro-ezami jikkoncedi li b'dawk il-gageg ma jistghux jinqabdu vrieden ghaliex il-vrieden huma ferm izghar mill-fethit fil-gagga u jaharbu. Dan il-fatt gie ukoll konfermat mill-esponenti u korrobat ukoll bir-ritratti esebiti li juru kif verdun jghaddi facilment mill-fethiet tal-gagga. Kwindi b'kull dovut rispett ghal darb'ohra l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-esponenti allegatament ddikjara li huwa kien qieghed jonsob ghal vrieden b'dawk it-trabokki hija inverosimili u ma ghandhiex mis-sewwa u hija meruta minn PC 217 stess.

Apparti minn hekk, tenut kont tal-fatt li l-pulizija allegaw li l-ghasfur li kien hemm qrib it-trabokk kienet summiena u mhux verdun, hija bir-rispett insensata u kontra l-principji bazilari tal-kacca u l-insib li wiehed allegatmanet iddikjara mal-pulizija li kien qed jipprova jaqbad ghasfur ta' tip partikolari (verdun), billi jpoggi ghasfur ta' tip kompletament differenti bhala tahrik jew ghajat (fg'dan il-kaz allegatament summiena).

Dan ghaldaqstant, huwa l-ennezimu kunflitt fil-provi tal-prosekuzzjoni stess li juru kif fil-kaz ma giex sufficjentament pruvat izda huwa mimli b'dubji ragjonevoli serjissimi li jimmilitaw favur il-liberazzjoni tal-imputat minn kull imputazzjoni.

Fl-ahhar lok wiehed ma jridx jinsa' wkoll il-fatt li filwaqt li PS1030 ddikjara li lill-esponenti huwa rawh fl-ghalqa hdejn ix-xbiek u nonostante li gie mistieden jiftakar jekk l-esponenti kienx qieghed jiekol mal-familjari tieghu f'ghalqa ohra fil-vicinanzi izda zgur mhux hdejn ix-xbiek, u nonostante li anke gie muri ritratti li juru kif l-esponenti kien ma' nies ohra meta huma marru jaghmlu l-ispezzjoni, huwa cahad u ghal iktar minn darba insista li lill-esponenti sabuh vicin ix-xbiek, il-kollega tieghu PC217 li ghamel l-ispezzjoni mieghu giddbu, u meta mistoqsi in kontro-ezami dwar dan il-fatt, huwa kkonferma li Galea ma giex osservat vicin il-gbid tax-xbiek jew il-mansab.

Dan il-kunflitt fuq fatt bazilari jru kif l-provi tal-prosekuzzjoni ma humiex affidabli u zgur ma humiex tali l-Qorti tista' tistriehj fuqhom biex issib htija.

**<u>It-testimonjanza tal-imputat</u>**

Kif diga' gie rilevat iktar il-fuq, l-Ewwel Onorabbli Qorti skartat id-dikjarazzjoni tal-imputat li tali gageg kienu habba l-grieden minhabba li skond l-Ewwel Qorti testimonjanza ma ghandhiex mis-sewwa.

Jigi madanakollu sottomess bir-rispett illi fid-dawl tal-osservazzjonijiet u n-nuqqasijiet supra elenkati d-dikjarazzjoni tal-imputat ma fiha assolutament xejn x'ticcensura.

Jibda biex jinghad li dwar fejn kienet is-summiena u d-dikjarazzjoni tal-imputat li kien propju s-surgent Theuma li pogga s-summiena got-trabokk, l-esponenti a skans ta' ripetizzjoni jaghmel referenza ghad-dikjarazzjonijiet misjuba fil-provi tal-prosekuzzjoni stess fejn jidher car li s-summiena kienet fil-vicin u/jew fejn it-trabokk izda mhux fuqu. Dan kollu se mai jikkorrobora l-istess dikjarazzjoni tal-imputat.
In oltre, dwar x'allegatament kien fihom dawn it-trabokki l-appellanti jigbed l-attenzjoni ghall-fatt li mhux biss ma giex sufficjentament pruvat li dak li kien hemm go fihom effetivament kien ikel tal-ghasafar izda aktar importanti minn hekk, ma hemm xejn fil-provi li b'mod jgiddeb u/jew imeri d-dikjarazzjoni tal-imputat fis-sena li tali gageg kien fihom tea bags ghal-grieden.

Fl-ahhar lok, in sostenn wkoll tal-affermazzjopni tal-appellanti li dawk it-trabokki huwa ghamilhom habba l-grieden, jigi sottolineat bir-rispett illi din ma hijiex xi skuza li vvinta l-esponenti meta ha l-pedana tax-xhieda, izda huwa qal ukoll a tempo vergine lil pulizija. Infatti rilevantissimu huwa l-fatt li filwaqt li l-pulizija qalu li l-esponenti allegatament qallhom li kien qed jonsob ghall-vrieden, madanakollu <u>PC217 ammetta in kontro-ezami li a tempo vergine l-appellanti qallu li dawk it-trabokki kienu ghal grieden.</u>

Dan il-fatt, kif konfermat mill-kuntistabbli PC217 stess, kwindi juri mhux biss kif l-affermazzjoni tal-appellanti kienet wahda dejjem konsistenti, izda jitfa' wkoll dubju serju fuq jekk huwiex minnu li l-esponenti ghamel l-allegazzjonijiet l-ohra dwar l-insib tal-vrieden etc., ghaliex ovjament iz-zewgt verzjonijiet moghtija mill-pulizija huma diametrikament opposti.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-premess l-esponenti umilment jikkontendi li filwaqt li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest mill-ligi, u sejbien ta' htija

bazat fuq tali dubji u kunflitti fil-provi taghhom stess iwassal biss ghal gudizzju li jkun unsafe and unsatisfactory, mill-banda l-ohra huwa, li ma kien tenut jipprova xejn, bit-testimonjanza tieghu u dik tal-familjari zgur lahaq il-grad tal-probabbli rikjest minnu biex jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

**It-tielet aggravju**

Illi strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu l-esponenti umilment jissottometti illi subordinatament, f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-esponenti u tikkonferma l-htija, l-piena fil-kaz in kwistjoni ghandha tkun wahda iktar miti skond ic-cirkostanzi tal-kaz, b'dan li tkun tqarreb iktar lejn il-mimimu tal-piena kontemplat fil-ligi.

In oltre, dan il-kaz ma jitratta l-ebda kacca ta' xi ghjasfur per se, ghaliex mhux kontestat li l-esponenti f'dan il-hin, anke skond it-tezi tal-prosekuzzjoni ma qabad, l-ebda ghasfur kwalsiasi, multo magis xi ghasfur protett.

Rat in-nota ta' referenza prezentata mill-Avukat Generali nhar it-8 ta' Dicembru, 2023.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ix-xhieda li ddepomew fl-atti tal-kawza.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2024.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-appellant jistqarr li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata fl-apprezzament tal-provi maghmul minnha. Ghaldaqstant, dan l-aggravju jirrigwardja l-apprezzament hazin

tal-provi mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Kif ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Julian Genovese**:[1] '

*'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)

[1] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[7]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibddel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[8] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu***

[6] 1969] 1 QB 276.
[7] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

***jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[9] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbaghad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[10]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **<u>il-kredibilita` tax-xhieda</u>** u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**<u>Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.</u>** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

[10] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[11] *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[12] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [13] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[14]

---

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[12] 1997 Edition Para 10-3.
[13] 1952.
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[15] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[16] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

---

[15] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[16] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti.

**PC 217 I Mizzi** xehed permezz t'affidavit esebit fl-atti a fol. 8 et seq tal-process u mmarkat bhala Dok X2 fejn spjega li nhar is-7 ta' Marzu 2021 ghall-habta tat-15.30 p.m huwa flimkien mal-kollega tieghu PS 1030 kienu fuq ronda fl-inhawi tal-Imtahleb fejn minn go ghalqa gie nnutat mansab armat b'xbiek kif ukoll f'ghalqa vicin tal-mansab kien hemm trabokki ikkargati bl-ikel tal-ghasafar fihom. Huma mxew vicin taghhom u fl-ghalqa sabu lil persuna responsabbli u cioe' l-appellant. Dan mill-ewwel inghata d-drittijiet tieghu fosthom dak tal-avukat fejn huwa irrifjuta dan id-dritt u ffirma il-karta tar-rifjut. Dan stqarr li l-mansab u t-trabokki kienu tieghu. Instema jghid li t-trabokki kien qed juzhom biex jonsob ghal vrieden. Komplew jispezzjonaw l-ghalqa u hemm sabu zewg trabokki ohra bl-ikel tal-ghasafar fihom u summien haj fejn it-trabok. L-appellant stqarr mas-surgent li kollox li instab mill-pulizija kien tieghu. Avzawh li kienu ser jinhargu l-akkuzi kontra tieghu ghall-Qorti. L-affarijiet konfiskati minn fuq il-post gew miktuba fuq il-ktieb tal-ircevuti. Kif huma kienu sejrin minn fuq il-post l-appellant instema jghid hekk "Jekk tigu darba ohra nonsob ha nerga nkun". Huma avzawh li jekk jerga jinqabad kien ser jerga jigi rrapurtat.

In kontro-ezami nhar id-19 ta' Settembru 2023[17] hu kkonferma dak li kien stqarr fl-affidavit tieghu. Ikkonferma li dakinhar hu kien mas-surgent Theuma. Qal li biex nizlu ghall-ghalqa tal-appellant kellhom jinzlu nizla naqra kbira u huma u nezlin innutaw trabokk, raw mansab meta kienu ghadhom il-boghod minn fejn kien qieghed l-appellant. Izda huma u nizlin l-appellant mar hdejhom biex jiltaqa' maghhom. Qal li huma kienu bil-pass. Qal li dakinhar l-appellant kellu xi hadd iehor mieghu. Jghid li fil-fatt kellu xi nies mieghu izda meta rahom telaqhom u mar hdejh. Ikkonferma li fil-fatt kienu hemm ghall-ikel. Qal imbaghad innotaw l-ixbiek u trabokk fil-passagg u dakinhar kien *closed season*. Kellmuh u komplew jaghmlu spezzjoni fl-akwata u sabu zewg trabokki ohra li kellhom xi summiena fuqha. Kienet gabjetta zghira. Bdew jirrimarkaw fuq l-affarijiet hziena li kien hemm fosthom trabokk u mansab u bdew isaqsuh dwarhom. Ghamel referenza ghar-ritratti esebiti mill-kollega tieghu. Muri r-ritratt immarkat bhala Dok CT zewg ritratti u jghid li dawn jirreferu ghall-ewwel sit fejn waqfu lill-appellant. Qal li l-mansab kien armat bix-xbiek izda ghasafar ma jidhirlux li kien hemm. Lanqas *bird callers* ma ra. Jghid li kien hemm guva bl-ghasafar u hdejha kien hemm ippustjati mal-art is-summien. It-tieni mansab kien fl-irdum fit-tarf, kien ikrah biex taccessah. Ghasafar hdejn l-ixbieki ma kienx hemm. Qal li kien hemm guva bl-ghasafar u hdejha kien hemm ippustjati mal-art is-summien. It-trabokk kien jinghalaq b'mod awtomatiku. Jekk jidhol xi haga go fih, jinghalaq. Jiftakar li l-appellant kien qal li juza il-gaggeg biex jaqbad il-grieden. Pero diskors fuq it-*teabags* ma jiftakarx. Jghid li mill-esperjenza taghhom jafu li jekk taghmel ghasfur hdejn it-trabokk jaf ghala dan kien ser jintuza.

Mistoqsi jekk iltaqghax ma nies ohra jghid li dakinhar kien iltaqa' mal-appellant u ma ibnu biss. B'referenza ghal dak li qal fl-affidavit u cioe' li sema lill-appellant jghid illi t-trabokki qed juzhom biex jonsob ghall-Vrieden jghid li kien semghu jghid dan id-diskors lis-Surgent 1030 izda ma jafx jelabora fuqha. Ikkonferma li verdun vera jidhol u johrog minn dak it-trabokk u li generalment dawn jintuzaw ghall-insib tas-summien. Ikkonferma li l-appellant qal ukoll li jekk jerghu imorru ser jergghu isibuh qed jonsob.

[17] Fol. 185 et seq tal-process.

Rat l-okkorenza rilaxxjata minn PS 1030 Theuma prezentata fl-atti a fol. 5 et seq tal-process u mmarkata bhala Dok X1 redatta nhar is-7 ta' Marzu 2021.

**<u>PS 1030 Clinton Theuma</u>**[18] xehed nhar fejn spjega li nhar is-7 ta' Marzu 2021 ghall-habta tat-3.30 p.m kienu ghaddejjin ronda fl-inhawi bil-vettura tas-servizz flimkien mal-kollega tieghu u cioe' PC 217 u kienu qeghdin fl-inhawi tal-Imtahleb. Ittawlu minn taht it-triq u raw li kien hemm xi mansab armati u xi persuna ddur ma dawn l-imnasab u ghalhekk iddecidew li jaghmlu spezzjoni u jiccekkjaw ezatt is-sitwazzjoni f'dak is-sit. Nizlu bil-mixi u ma setghux jidhlu bil-karozza. Fuq il-post sabu lill-imputat *qua* appellant li gharaf prezenti fl-awla tal-Ewwel Qorti. Waqt l-ispezzjoni fuq is-sit sabu f'naha minnhom mansab armat bix-xbieki u fuq in-naha l-ohra kien hemm trabokk ikkargat b'xi awrofak u xi ikel tal-ghasafar go fih. Kif raw din is-sitwazzjoni mill-ewwel taw id-drittijiet legali lill-appellant jigifieri tawh kemm id-dritt tas-silenzju, kif ukoll id-dritt li jikkonsulta ma' avukat. Dak il-hin qalilhom li ma kellux ghalfejn ikellem avukat u ghalhekk irrinunzja ghal dan id-dritt. L-appellant qal li t-trabokk u l-mansab kienu tieghu u qalilhom li dak il-hin bit-trabokk kien qed jonsob ghal vrieden. Komplew jispezzjonaw is-sit fejn nnutaw zewg trabokki ohra pero ta' ghamla differenti, u kienu ikkargati bl-ikel awrofakk u fejn it-tieni trabokk kien hemm summiena hajja biex tintuza bhala '*decoy*' biex tkun tista tatratta ghasafar ohrajn. Dawn it-trabokki kienu impoggija go ghalqa differenti tmiss maghha u kienu impoggijin b'tali mod mal-art biex jattrattaw xi summien. L-appellant qalilhom li dawk li sabu waqt l-ispezzjoni kienu ukoll tieghu u qalulu li kemm it-trabokk li sabu fil-bidu kif ukoll dawn it-trabokki u x-xbiek mhux suppost li kienu qeghdin armati hemm ghax kien illegali u ghalhekk kienu ser jigu konfiskati. Huma hargu ricevuta tal-affarijiet ikkonfiskati fuq il-post ukoll u waqt li kienu sejrin l-appellant rega mar ikellimhom u qalilhom li jekk jerghu jaghmlu spezzjoni ohra xorta kien ser jonsob ghax hu kien dilettant u kienu ser jergghu isibuh jonsob. Hallihom b'dak id-diskors u imbaghad telqu minn fuq il-post. Huwa pprezenta tmien ritratti mehuda minnu waqt li kien fuq il-post u dan fil-presenza tal-appellant. Tant u hekk li l-appellant jidher

[18] Fol. 18A et seq tal-atti processwali.

kwazi f'kull ritratt. L-ewwel tnejn huwa l-ewwel haga li kif waslu sabu t-trabokk li kien wahdu bl-ikel go fih fejn qalilhom li kien qed jonsob ghal vrieden bih. Dawn gew immarkati bhala Dok CT. L-erba' ritratti l-ohra kienu z-zewg trabokki ohra li sabu li jistghu anke jissejhu nases fejn kien hemm anke is-Summiena hdejhom u l-ikel tal-ghasafar go fihom. L-ahhar zewg ritratti juru li hu flimkien mal-appellant izarmaw l-mansab u x-xbiek li kellu armati. Huwa pprezenta ukoll ir-rinunzja ffirmata mill-appellant sabiex ikun assistit minn avukat li giet mmarkata bhala Dok CT3. Ricevuta bl-affarijiet li gew konfiskati minn fuq il-post bil-firma tal-appellant li giet mmarkata bhala Dok CT4. Hu esebixxa ukoll b'mod formali l-oggetti li kien hemm fix-xbiek u trabokki.

In kontro-ezami kkonferma li appena waslu fuq il-post minn fuq setghu jaraw l-mansab u xbieki impoggija u l-appellant idur maghhom. Mistoqsi jekk setghax l-appellant kien qed jiekol ma nies ohra u mhux idur mal-mansab jghid il huwa fl-ebda hin ma rah jiekol. Jghid li ftit 'l boghod kien hemm guvnott pero ma kellux x'xjaqsam xejn mal-kaz u mar isaqsihom jekk kollox kienx sew u wara telaq 'l hemm u ma baqax fuq il-post ma genbhom. Izda l-appellant baqa' hemm maghhom ghax refa r-responsabbilita u qalilhom '*ghandi kollox tieghi*'. Muri r-ritratt mmarkat bhala Dok CT fejn jidru zewg vetturi u hemm tnejn minn nies u qal li dak huwa l-appellant u ibnu. Infurmat mill-avukat difensur li kien hemm zewg karozzi b'zewg individwi jghid li jekk kien hemm kienu fil-boghod hafna jista' jkun xi nies mixjin fl-Imtahleb. Mistoqsi jekk setghux kienu familjari tal-appellant li kienu lkoll qed jieklu jghid li ma jafx min huma u kienu il-boghod hafna u lanqas jintgharfu fir-ritratt. Jiftakar li bin l-appellant mar ikellmu u isaqsihom jekk kellhomx bzonn xi haga izda ma kienx fil-post li ghandu x'jaqsam mal-Mansab. It-tfajla b'xaghrha twil fir-ritratt ma ftakarhiex. Qal li iz-zewg imnasab kienu fl-istess ghalqa. Wara d-dura kien hemm mansab iehor u ma kienux indunaw bih mill-ewwel izda indunaw bih waqt l-ispezzjoni li zammu x-xbiek elevawh minn fuq il-post wara li l-appellant zarmah. Fiz-zona muri fir-ritratt Dok CT kien hemm biss trabokk u ma kienx hemm xbiek. Kien trabokk bl-ikel tal-ghasafar go fih. L-ghasfur jidhol biex jiekol l-ikel u jinqabad. Pero ghasafar ma kienx hemm go fih. It-tieni mansab hu muri fir-ritratt Dok CT2 li nduaw bih waqt l-ispezzjoni. Mistoqsi

jekk setghax kien imtaqqab jghid li le tajjeb kien. Fil-fatt l-appellant zarmah bil-kalma u twieh pulit. Ix-xhud esebixxa l-mansab b'mod formali u qal li jekk l-mansab ma kienx imrieghed issa wara sentejn ikun imrieghed zgur. Insista li kien qed jonsob ghas-summien ghax *decoy* ta' summiena kien hemm u mhux minnu li kien qed jonsob ghal vrieden. Ma jiftakarx li l-appellant qallu li dik kienet gagga ghall-griden. Ikkonferma li kienet gagga ghas summien. Spjega li is-summien jimxi ma l-art u jidhol fin-nassa. L-appellant fl-ebda hin ma innega li l-affarijiet illegali li instabu ma kienux tieghu. Spjega illi sabiex persuna tuza trabokk m'hemmx ghalfejn toqghod tmiss mat-trabokk jigifieri tkun vicin taghhom biex inti mportanti li toqghod thares lejh. Jghid li hu jiftakar li ra tifel izda ma jiftakarx li kien hemm nies ohra. Spjega li l-Imtahleb huwa post ta' rikrejazzjoni, jigifieri jekk kien hemm xi nies f'ghalqa vicin, huwa ma tax kaz. Qal li kien hemm xatba u pparkjaw warajha u marru hemm fuq il-post bil-mixi. Mistoqsi dwar zewg vetturi ohra li kien hemm huwa jghid li l-vetturi ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-kaz jigifieri ma kellux ghalxiex joqghod jiccekja fuqhom u jivverifika ta' min kienu.

**<u>Nicholas Grech</u>**[19] xehed nhar id-19 ta' Settembru, 2023 in rapprezentanza tal-*Wild Birds Regulation Unit*. Spjega li fil-jum tas-7 ta' Marzu, 2021 fit-3.30 p.m fl-inhawi tar-Rabat l-appellant kellu licenzja generali li tinkludi kacca tal-ghasafar minn fuq l-art u ghall-insib tal-ghasafar. Ma kellu l-ebda licenzja ohra ghax dak iz-zmien ma kien hemm l-ebda licenzja specjali ghax kien stagun maghluq.

**<u>L-appellant Anthony Galea</u>**[20] xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar id-19 ta' Settembru, 2023. Jghid li l-post fejn waqfuh il-pulizija hija fejn ghandu r-residenza tieghu, fil-fatt ighix hemmhekk. Dakinhar kien stieden lil hutu ghall-ikel. Qal li kien issepara minn mal-mara u d-dar matrimonjali giet mghodija lilha. Qal li dakinhar kien qed jiekol u t-tifel kellu kelb li kien qed jinbah u telgha jittawwal u ra zewg pulizija sejrin ghal fuqu. Jghid li huwa qatt ma kienx hdejn l-ixbieki u lanqas qatt ma kien hdejn it-trabokki. Jghid li t-trabokki huma nases tal-grieden, issib tixtrihom mighand

[19] Fol. 184Q et seq tal-process.
[20] Fol. 18AG et seq tal-process.

Borg Cardona u minghand Andrews. Ghalhekk m'humiex illegali issib tixtrihom minn kullimkien. Spjega li s-summiena ma kienitx mat-trabokki u li dik ghamilha is-surgent fuq it-trabokk biex johdilha ritratt. Kien hemm distanza ta' mitejn metru bejnhom u t-trabokk u xbieki li sab. Fl-ghalqa ta'fuq ma kienx hemm xbieki tant li lanqas ritratt ma gibed il-pulizija. Qal li ma jafx ghalfejn il-pulizija gidbu fuqu meta huwa kien qed jiekol ma tal-familja. Mistoqsi fejn kien ix-xbiek jghid li kien spicca l-istagun u kien mar biex jaqilghu izda kien imwahhal mal-haxix, kien mherri u hallih hemm u qal li imbaghad kellu jahartu izda il-pulizija marru u sabuh hemm. Mistoqsi ghaliex kien ammetta mas-Surgent Clint li kien qed jonsob ghal vrieden meta kien hemm summiena jghid li vrieden ma jistghu jinqabdu qatt ghax jghaddu mit-toqob tax-xibka u tat-trabokk. Huwa esebixxa zewg ritrttili li gew immarkati bhala Dok AG ta' verdun. Qal li dak iz-zmien fis-7 ta' Marzu il-verdun lanqas biss ipassi minn Malta u lanqas ma hu possibli li tonsob ghal vrieden minghajr ma jkun hemm verdun. Jghid li qatt ma qal lill-pulizija li kien qed jonsob ghall-vrieden ghax hu kien qed jiekol ma tal-familja. Jghid li lanqas ma qal lill-pulizija li kien ser jibqa' jonsob. Kien qallhom li meta imorru kienu ser isibuh hemm ghax hu residenti hemm hekk. Qal li l-vrieden ipassu f'April. Qal li fil-fatt il-pulizija f'sebat ijiem marru marru hames darbiet u dejjem sabuh hemm bis-sewwa. Jghid li kein qala kollox anke il-*wires* li kien hemm ma l-art. Muri r-ritratt Dok AG1 jghid li l-annimal li jinqabad irid ikun tal-piz bhal gurdien mill-kbar li jirfes dik il-pjanca. Jghid li ma kienx hemm ghasafar lanqas ikel. Kien hemm biss *teabags*.

Dwar il-guva jghid li jkollu s-summien li jfaqqas u li jiehu l-friegh minnu u jigu l-griden il-kbar u johorguhom minn gol-fildiferru allura ghamel dik mal-kamra biex x'hin jigi jinqabad go fiha. Mistoqsi mill-Qorti minn fejn kien gabha s-Surgent Theuma lil dik is-summiena biex poggiha fuq il-gagga, huwa wiegeb li dik kienet summiena tal-*breeding*, kellha l-bajd jidrhu fil-gagga u kellha hames bajdiet. Qal li jaghmilha hemmhekk u lanqas kienet magenb it-trabokka. Qal li dik jaghmilha go l-ghalqa biex hi toqghod tlegleg u lill-irgiel tqabbadhom in-namra. Qal li kienet erba' metri l-boghod mill-kamra go gagga.

In kontro-ezami gie mistoqsi jekk sabiex taqbad summiena bit-trabokk m'ghandux ghalfejn ikun hdejha hu, hu wiegeb li dak mhux trabokk izda nassa tal-grieden u ssib tixtriha mill-Andrews. Hu nnega li lill-pulizija qalilhom li kiku ser jergghu jigu kienu ser isibuh jonsob u tenna li huwa resident hemm u li fi hmistax kienu marru hames darbiet u tlett darbiet ohra marru kollegi tieghu u ma sabulu xejn. Hu sostna li s-summien ipassi fl-ahhar gimgha ta' Marzu u mhux fis-7 ta' Marzu.

**<u>Bradley Galea</u>**[21] xehed nhar id-19 ta' Settembru, 2023 fejn ikkonferma li jigi t-tifel tal-appellant. Hu gie mgharraf illi kellu dritt ma jixhidx ghaliex seta' jinkrimina lil missieru, huwa ghazel li jixhed xorta wahda. Jghid li nhar is-7 ta' Marzu kienu qed jieklu l-ghalqa gewwa l-Bahrija u missieru kien qed jiekol maghom. Jghid li x'hin gew il-pulizija l-ewwel mar missieru mbaghad sussegwentament mar hu.

**<u>Rosette Sciriha</u>**[22] xehedet nhar id-19 ta' Settembru, 2023 fejn qalet li hija tigi oht l-appellant. Hi giet mgharrfa illi kellha dritt ma tixhidx ghaliex setghet tinkrimina lil huha izda hija ghazlet li tixhed xorta. Hija qalet li nhar is-7 ta' Marzu, 2021 huma ghamlu bhal dejjem meta t-temp ikun sabih u cioe' ghamlu ikla l-Bahrija, l-kamra ta' huha. Meta gew il-pulizija kienu mal-mejda u kienu diga kielu. Tghid li l-appellant kien maghhom mal-mejda, ghandu bicca qisha miftuha u ghandu mejda fin-nofs. Qalet li ma tafx tghid kienx bilqeghda jew bil-wieqfa.
Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi din il-Qorti f'dawn il-proceduri, bhal f'hafna proceduri ohrajn, tinsab rinfaccata b'verzjonijiet kunflingenti. Fuq naha wahda ghandha l-verzjonijiet tal-pulizija u fuq naha ohra ghandha dik tal-appellant. Kif ritenut *supra*, l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti huwa li wara li tifli l-provi kollha prodotti, tara liema verzjoni hija l-iktar attendibbli. Il-Qorti ssostni illi tista' temmen il-verzjoni ta' xhud *in toto* jew inkella *in parte*. Minghajr tlaqliq, din il-Qorti temmen illi l-verzjoni tal-pulizija ghandha iktar mis-sewwa minn dik tal-appellant.

[21] Fol. 18AP et seq tal-process.
[22] Fol. 18AS et seq tal-process.

L-appellant fir-rikors tal-appell tieghu jargumenta illi l-gagga fejn go fiha l-prosekuzzjoni allegat li kien hemm summiena tidher vojta fir-ritratt esebit minn PS 1030. In oltre, jghid li kemm fl-NPS Report, kif ukoll PC 217 fl-affidavit tieghu, jghidu li fil-vicin kien hemm summien haj, izda mhux fuq it-trabokk. L-appellant fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti jghid li kien is-Surgent li ghamel is-summiena fuq it-trabokk sabiex jihdilha ritratt u allega li l-pulizija kien qed jigdeb fil-konfront tieghu. Din il-Qorti hija tal-fhema illi minkejja f'Dok CT1 ma jidhirx car jekk hemmx summiena *o meno*, summiena gol-gagga kien hemm zgur u dan stante li kien l-appellant stess fix-xhieda tieghu li kkonferma dan meta mistoqsi mill-Ewwel Qorti:

*'Qorti: Go gagga fejn kienet?*

*Xhud: Go gagga kienet..'*[23]

Di piu' huwa minnu wkoll illi fl-NPS Report u fl-affidavit ta' PC 217 intuzaw il-kliem 'vicin' u 'fejn' it-trabokk u mhux 'fuq it-trabokk'. Madankollu, fiz-zewg cirkostanzzi ssemma l-fatt li s-summien/a kien hemm sabiex jattira summien iehor. In oltre, fil-kontro-ezami tal-istess PC 217, dan tal-ahhar qal hekk: *'..sibna xi zewg trabokki ohra u kellhom xi summiena* ***fuqha****. Gabjetta zghira'*.[24] Ghaldaqstant, din il-Qorti jidrilha illi f'dan ir-rigward il-verzjoni tal-pulizija hija aktar attendibbli u ghalhekk zgur ma tistax taqbel ma dak li qed jghid l-appellant.

Illi fir-rigward l-ikel li kellhom fihom it-trabokki, jidher b 'mod car mir-ritratti esebiti minn PS1030, partikolarment Dok CT, illi dan kien fihom ikel tal-ghasafar. Dan gie kkonfermat mill-pulizija nfushom fix-xhieda taghhom. L-appellant jargumenta li din ma kienitx l-aqwa prova, madankollu din il-Qorti tfakkar illi l-prova li trid iggib il-prosekuzzjoni trid tkun *beyond any reasonable doubt* u mhux *without a shadow of a doubt*. Din il-Qorti ma temminx lill-appellant meta qal li uza dawn il-gageg sabiex jaqbad il-

[23] Fol. 18AM et seq tal-process.
[24] Fol. 18W tal-process.

grieden, ghaliex kieku dan kien minnu t-*tea bags* kienu wkoll jidhru fir-ritratti. Ghalhekk, f'dan ir-rigward din il-Qorti jidrilha illi l-prosekuzzjoni minghajr dubju dettat mir-raguni rnexxilha tipprova illi fit-tali gagga kien hemm fiha ikel tal-ghasafar.

Illi fir-rigward tat-trabokki u jekk kienux jinghalqu b'mod awtomatiku, l-appellant stess fix-xhieda tieghu spjega illi '*dik molla bi pjanca*'. Hu kompla sabiex jghid illi jrid ikun annimal ta' piz bhal gurdien u jirfes dik il-pjanca. Kompla sabiex jghid ukoll li la kien hemm ikel u ma kien hemm xejn  u kien hemm biss *tea bags* tal-grieden. Din il-Qorti temmen li t-trabokk kien jahdem b'molla bi pjanca, madankollu mhux ghall-uzu li qed isostni l-appellant.

Din il-Qorti hija tal-fhema illi l-appellant ma kienx qed jonsob ghall-vrieden kif il-pulizija tennew li dan tal-ahhar kien qalilhom, izda ghas-summien. Illi fir-rigward tal-allegat kunflitt ta' provi, l-appellant qieghed jghid illi PS1030 qal li l-imnasab kienu armati u x-xbiek impoggi u hu, cioe' l-appellant, kien qed idur maghhom u min-naha l-ohra  PC 217 fil-kontro-ezami jghid li Galea ma giex osservat vicin il-gbid tax-xbiek jew il-mansab. Madankollu, a fol 18AB tal-process, l-Ewwel Qorti staqsiet lil PC 217 kemm kienet il-boghod il-guva minn fejn kien hemm l-imputat u dan wiegeb hekk:

> *'Xhud: Ma tantx jien tajjeb biex nghid il-metraggi ha nghid hekk imma ma kienx hemm boghod tal-ghageb ghax l-ghalqa it was reachable, stajna nilhqu kullimkien.'*

Mix-xhieda ta' PS 1030 a fol 18M et seq tal-process, jirrizulta s-segwenti:

> *'Avukat: Mela lis-Sur Galea fejn sibtuh jekk joghgbok?*
>
> *Xhud: Lis-Sur Galea sbinieh vicin id-dura fejn kienu dawn is-summien. Ftit metri l-boghod.*

*Avukat: Meta qed tghidli 'ftit metri l-boghod vicin hafna' ghax inti semmejtilna zewg ghelieqi.*

*Xhud: Ezatt*

*Avukat: Semmejtilna din il-gagga ha nsejhilha hekk li kienet vojta li fejnha ma kienx hemm xbiek, semmejtilna section ohra*

*Xhud: Qed nitkellmu <u>fuq area naqra ikbar minn hawnhekk</u> kellek il-gagga li qed tghid 'vojta' hawnhekk, mansab iehor hawn, dura flok it-television u l-dawn tas-summien kienu aktar l-isfel mad-dura. Ovvjament qalilna li huma tieghu wkoll u fl-ebda hin ma nnega u fil-fatt anke ffirma ghalihom u qalilna li huma tieghu.*

*Avukat: Pero s-Sur Galea jekk ikolli nissugerilek li la kien fejn dawn il-gageg, la kien fejn il-gagga l-ohra li intom sibtu wahedhom*

*Xhud: <u>Ifhimni biex inti tuza trabokk m hemmx ghalfejn toqghod tmiss mat-trabokk jgifieri tkun vicin taghhom biex inti mportanti li toqghod thares lejh jigifieri minn hawn u hemmhekk huwa bizejjed</u>.'*

Ghalhekk din il-Qorti tifhem illi l-*area* mertu tal-kaz odjern mhux xi wahda esagerata, tant li PS 1030 qabbilha ma *area* ftit ikbar mill-awla tal-Ewwel Qorti. In oltre, mill-esperjenza taghha din il-Qorti taf illi sabiex wiehed juza trabokk ma ghandux ghalfejn joqghod il-hin kollu hdejh, izda l-importanti li josservah.

<u>**Ikkunsidrat ulterjorment,**</u>

Illi b'harsa lejn il-kumparixxi a fol. 1 tal-process, jirrizulta illi l-appellant gie akkuzat b'sitt (6) imputazzjonijiet. Din il-Qorti tosserva illi l-hames u s-sitt imputazzjonijiet huma identici ghal xulxin. Ghalhekk filwaqt illi din il-Qorti temmen illi l-appellant kellu jinstab hati tal-ewwel, it-tieni, il-it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet, ma taqbilx li dan kellu jinstab hati ghar-raba'imputazzjoni.

Ir-raba' imputazzjoni tipprovdi hekk:

> *'Fl-istess data, lok, hin u cirkostazi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(i) tal-AL tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Luciano Mirabitur</u>**[25] fejn kien gie ritenut hekk:

> *Illi r-raba' imputazzjoni taqra li 'Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccjat jew ippruvajt tikkaccja, hadt jew ipprovajt tiehu xi ghasfur billi wzajt lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7 (1)(i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *Ir-rapport redatt minn Fiona Burrows u li jinsab fil-process tal-kawza kontra Carmel Xerri, jipprovdi li 'caged decoys were visible'. Fix-xhieda taghha moghtija quddiem din il-Qorti fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) spjegat li kien hemm 'cage decoys'. Jirrizulta mill-filmat '00011' persuna li qieghda tigbor gabjetti b'ghasafar hajjien fihom, li din il-Qorti qieghda tifhem li Fiona Burrows kienet qieghda tirreferi ghalihom bhala 'caged decoys'.*
>
> *Illi ghalkemm jirrizulta li kien hemm numru ta' ghasafar f'gabjetti u li dawn huma komunament riferuti bhala <u>'caged decoys', l-imputazzjoni tipprojbixxi lixki ta' ghasafar protetti.</u>* ***L-appellant fl-appell tieghu ma jidholx fil-kwistjoni dwar jekk il-lixki kienux ghasafar li kienu protetti jew le. Gialadarba l-Pulizija ma marrux fuq il-***

[25] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Mejju, 2019

***post u ma gew elevati l-ebda lixki, ma jistax jigi determinat jekk l-ghasafar uzati bhala lixki kienux 'protetti'*** *kif indikat fl-imputazzjoni jew le. Ghalhekk din ir-raba' (4) imputazzjoni ma tistax tissustixxi.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Francis Abela</u>**[26] il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza ta' **Mirabitur** u qalet hekk:

*'Fil-kaz odjern ukoll jidher bic-car, kemm mir-ritratti u kemm mill-filmat esebit, li kien hemm xi ghasafar fil-gabjetti. Burrows fir-rapport taghha tirreferi ghalihom bhala finches.* ***Ghalkemm huwa minnu illi taht il-Legislazzjoni Sussidjarja numru 549.42 u li ggib l-isem Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, hemm finches li huma protetti, il-Qorti ma jidrilhiex illi gie ppruvat minghajr dubbju dettat ir-raguni li l-ghasafar li kien hemm fil-gabjetti huma fil-fatt ghasafar protetti. Il-filmat, kif ukoll ir-ritratti ma jurux bic-car it-tip ta' ghasafar li kien hemm fil-gabjetti. Oltre minn hekk, il-pulizija ma marrux fuq il-post u PC 789 fl-affidavit tieghu jghid biss illi l-appellant kien qieghed jonsob ghall-ghasfar tal-ghana. Dan kollu maghdud, din il-Qorti ma jidrilhiex illi din l-akkuza tista' tissustixxi u ghalhekk qeghda tilqa' t-tieni aggravju tal-appellant.***

F'dawn il-proceduri, il-prosekuzzjoni gabu provi li t-tajra li ntuzat bhala lixka kienet summiena li l-isem xjentifiku taghha huwa *Coturnix coturnix* u li isimha nsibuh taht Skeda II Taqsima A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 li jgib it-titlu *'Għasafar li jistgħu jkunu kkaċċjati jew meħuda fuq l-art.'* Jirrizulta illi s-summiena mertu tal-kaz odjern ma lanqas ma kienet wahda salvagga izda kif ikkonferma l-appellant stess kienet tal-*breeding* u cioe' domestikata tant li anke qal li kellha l-bajd fil-gagga. Dan il-fatt bl-

[26] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 2022.

ebda mod ma gie kkontestat mill-prosekuzzjoni.  Ghalhekk, in vista tas-suespost,  din il-Qorti qedgha tilqa' in parte l-ewwel u t-tieni aggravji tal-appellant.

Fit-tielet aggravju tieghu l-appellant qieghed jilmenta li l-piena mposta ghandha tkun wahda iktar miti u tqerreb lejn il-minimu.

Kif gie ritenut diversi drabi, m'huwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jean Pierre Farrugia**[27] fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> *"Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive"*

Issa minn ezami tal-Ligi Sussidjarja 549.42 u partikolarment tal-Artikolu 27 jirrizulta li l-piena li tista' tigi imposta ghall-ewwel u r-raba' akkuzi moghtija fil-konfront tal-appellant tvarja u cioe'ghal hlas ta' multa bejn is-somma ta' hames mitt euro (€500) sa massimu ta' hamest elef euro (€5,000) oltre li jkun hemm il-konfiska tal-*corpus delicti*. Min-naha l-ohra ghall-kumplament tal-imputazzjonijiet il-piena mposta tvarja u cioe'ghal hlas ta' multa bejn is-somma ta' hames mitt euro (€500) sa massimu ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) oltre li jkun hemm il-konfiska tal-*corpus delicti*.  Oltre minn dan, l-istess disposizzjoni tal-ligi u cioe' l-proviso tal-Artikolu 27 jipprovdi ukoll li jkun hemm b'mod tassattiv is-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahruga taht ir-regolamenti taht Parti XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal perijodu ta' mhux inqas minn sentejn izda mhux aktar minn hames snin. L-Ewwel Qorti dehrilha li tikkundanna lill-appellant ghal-hlas ta' multa ta' elf u tmien mitt euro (€1,800) liema

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 2023.

piena taqa' fil-parametri tal-ligi u hija piena medja. Stante li din il-Qorti qedgha tilqa' in parte l-ewwel zewg aggravji tal-appellant billi ma ssibux hati tar-raba' imputazzjoni, jidrilha illi ghandha tnaqqas din il-multa bi ftit u minflok tinponi multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500). Jinghad ukoll fir-rigward tas-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti, it-terminu moghti mill-Ewwel Qorti kien fil-minimu u ghalhekk mhux ser ikun hemm l-ebda temperament fiz-zmien tas-sospensjoni moghti. Ghaldaqstant, it-tielet aggravju tal-appellant qieghed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qedgha tilqa' in parte l-ewwel zewg aggravji tal-appellant u dan billi tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn sabitu hati ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tirriforma u tirrevokaha fir-rigward tar-raba' imputazzjoni migjuba kontrih billi tilliberah minna.

In oltre, din il-Qorti qedgha tilqa' it-tielet aggravju tal-appellant u dan billi qedgha tvarja l-piena u minflok multa ta' elf u tmien mitt euro (€1,800) qedgha tikkundah ghal multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500). Din il-Qorti tikkonferma il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ordnat is-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**